# IT-TIFLA

# LI WAQGHET GO KTIEB

adattament liberu minn

**Trevor Zahra**

tad-dramm

*The Boy Who Fell into a Book*

ta'

***Alan Aychbourn***

--------------------------------------------------------------------------------------------------------

**Jiehdu Sehem:**

MARICA *(tifla ta' xi 10 snin):*

VUCI tal-MISSIER / Narratur:

BLATSAMM *(super-eroj):*

MONIQUE *(villian):*

XIEREF *(sieheb MONIQUE):*

Sekwenza tac-Cess:

SULDAT Abjad:

Isqof Ahmar:

Gareth *(Kvallier Ahmar):*

Ir-REGINA l-Bajda:

Sekwenza tal-Hrejjef ta’ Grimm:

Rumplestiltskin:

In-NANNA/il-Lupu:

Little Red Riding Hood:

Sekwenza ta’ “Meta Jaqa’ c-Cpar”:

JOHN

HELEN

MARTHESE

FRANKIE

PAWLU

SALVINA

Sekwenza tal-Wublis:

Il-Papa’ Wubli:

Il-Mama' Wubli:

Baby Wubli:

# 1 - Xena

***Fil-kamra tas-sodda ta' MARICA.***

***MARICA qed taqra gos-sodda:***

MARICA "...... BLATSAMM, l-eroj qalbieni, beda jiggieled b'qawwa ta' ljun feroci. Vrumm. Terrorista iehor jitfarrak ma' l-art b'daqqa qawwija ta' BLATSAMM. Xuuum... Bang... Gemgha shiha ta' qattiela jistabtu mal-hajt. Zriiiiin... sikkina tleqq tghaddi bhal sajjetta minn hdejn ras BLATSAMM, imma dan iwarrab fil-waqt u s-sikkina tehel go hajt tal-konkrit. Ahhhhh.... BLATSAMM jahtaf hallieli iehor minn qaddu u jsabbtu ma' l-art. Ftit sekondi wara, l-art kollha tal-mahzen kienet miksijin bl-igsma tal-qattiela u t-terroristi. Imma aktar u aktar gellieda baqghu gejjin jahbtu bil-qawwa kollha ghal BLATSAMM. Il-kap taghhom, maghruf bhala s-Seqer l-Iswed, did-darba wahhalha f'rasu li jahtaf taht idejh darba ghal dejjem lil BLATSAMM. Ried jirbahlu bil-kwantita'. Ghalkemm BLATSAMM baqa' jiggieled bi qlubija kbira, sa fl-ahhar l-ghedewwa tieghu inxethtu fuqu lkoll flimkien u nizzluh ma' l-art. Nofsu mitluf minn sensih, BLATSAMM ipprova jibqa' jirrezisti, imma issa kien meghlub. Kaxkruh lejn bieb kbir tal-hadid u f'tebqa' t'ghajn BLATSAMM sab ruhu msakkar fil-forn tal-funderija...."

MISSIER (vuci) MARICA!

MARICA Hawn, pa'!

MISSIER Jaqaw ghad ghandek id-dawl jixghel?

MARICA *(titfi bil-heffa d-dawl tal-komdina)* Le... mitfi!

MISSIER Nittama li jibqa' mitfi. Taf li ga saru l-ghaxra u nofs, hux? Ghidtlek kemm-il darba li jekk trid taqra, aqra fid-dawl tax-xemx.

MARICA Kollox sew, pa'.

MISSIER Oroqd. Il-lejl it-tajjeb.

MARICA Il-lejl it-tajjeb. *(Tistenna ftit u tissemma. Meta jidhrilha li kollox ikkwieta terga' tixghel id-dawl).*

MISSIER *(Minnufih)* MARICA!!

***MARICA titfi d-dawl bil-heffa.***

MISSIER Ma nghidlekx darba ohra!

MARICA Kont biss qieghda nara fejn hu s-swicc.

MISSIER Orqod.

***MARICA tpoggi l-ktieb fuq il-komodina hdejn kotba ohrajn.***

MARICA Kif jista' jkun jirnexxili noroqd hekk... f'nofs ta' storja. Zgur mhux se jigini n-nghas qabel ma nara kif se jispicca BLATSAMM. Ghandu mnejn se jmut maqbud go dak il-forn fejn idewbu l-hadid! Nahseb lanqas nifs bizzejjed m'ghandu hemm gew. Jista' jmut fgat. Jew inkella ghandhom mnejn jixeghlu l-forn u BLATSAMM jispicca rmied. Jew inkella jimlew il-forn bl-ilma, jew bil-gass... jew b'xi

haga ohra.   Min jaf?  Meta taqra ktieb... jekk ikun ktieb tajjeb...  tkun qisek inqbadt go nassa... mhux bhal meta tara film.  Film tarah fuq l-*iscreen*... 'il barra minnek innifsek; imma ktieb ikun qed isehh hawn, go mohhok u inti tkun donnok dhalt go fih.  Issir parti minnek u l-grajja thossha qed issehh tassew... tassew... tassew... tassew... tassew...

***Torqod. Taqa' mis-sodda.  Kollox jisparixxi u ssib ruhha go roqgha dawl.  Tqum fuq riglejha.***

Hawn fejn gejt?  Dan x'post hu?

VUCI *(minn god-dalm)*  Ieqaf hemm u ara biss ticcaqlaq!

MARICA *(mahsuda)* Min int?

VUCI Ghidtlek ara biss ticcaqlaq.  Ghandi pistola .22 fil-kalzetta, ohra .38 fil-gakketta u l-.45 tinsab immirata lejk.  Jekk imqar iccaqlaq xaghra wahda minn rasek naghmel gharbiel.

MARICA Min inti?

VUCI Gholli jdejk 'il fuq u armi l-pistola ma' l-art.

MARICA Ma nistax.

Vucu Ittellifnix sabri.  Jew taghmel li qed nghidlek jew inbattal hamsin balla fuqek.

MARICA Impossibbli naghmel li ghidtli!   Kif nista' ngholli jdejja 'l fuq imbaghad narmi l-pistola.

VUCI *(wara pawsa)* OK... mela l-ewwel armi l-pistola, imbaghad gholli jdejk 'l fuq.

MARICA U lanqas hekk ma nista'...

VUCI *(b'rabja kbira)* Se navzak ghall-ahhar draba....

MARICA Mintix tara.  M'ghandix pistoli x'narmi..!

*(tohrog dirghajha 'l barra)*

VUCI Min int?  X'gejt taghmel hawn?

MARICA Jisimni MARICA Delicata u din hija l-kamra tas-sodda tieghi.

VUCI Kamra tas-sodda!!??  Kif... inti torqod hawn?

MARICA Iva.

VUCI Jaqaw inti xi eremit stramb?

MARICA *(dubjuza)* Ta' lanqas...  nahseb li hija l-kmara  tieghi.  Sa ftit ilu hekk kienet.  Insomma, wara kollox nista' nistaqsi l-istess haga lilek.  Int x'gejt taghmel hawn... u min int?

***Tidher tintxeghel* <u>**lighter**</u> *tas-sigaretti. Il-kamra tiddawwl u jitfacca BLATSAMM.***

BLATSAMM Jien jghiduli BLATSAMM!

MARICA Kif... inti BLATSAMM? Dak l-istess BLATSAMM tal-grajja? BLATSAMM l-eroj!!!

BLATSAMM *(bla sabar)* Eh.. eh... BLATSAMM. BLATSAMM! U inti min ix-xjaten tkun?

MARICA Ga ghidtlek jiena Mar...

BLATSAMM Eh... Mariza Debrincat. Tajjeb. Imma ghadek m'ghidtlix x'int taghmel hawn.

MARICA MARICA Delicata!

BLATSAMM Orrajt... orrajt! U x'int taghmel hawn?

MARICA Jiena kont biss qed nipprova... *(thares madwarha).* Imma dan x'post hu?

BLATSAMM Ma tafx?

MARICA Le ma nafx.

BLATSAMM M'ghidtlix li hija l-kamra tas-sodda tieghek?

MARICA Iva... imma mid-dehra m’ghadhiex hekk. Fejn qeghdin?

BLATSAMM Bhal issa ninsabu f’dak li, bil-lingwa tieghi nsejhulu: “daharna mal-hajt!” Post li fih ma tantx thoss bard, ghax jekk ifettlilhom jxeghluh, jien u inti nsiru BBQ.

MARICA *(bi staghgib kbir)* Il-forn tal-funderija!

BLATSAMM Imma mid-dehra did-darba se jippruvaw idewbu 'l-bnedmin minflok il-hadid.

MARICA U sakkrek hawnhekk is-Serqer l-Iswed, hux tassew?

BLATSAMM *(mahsud)* X’taf dwar is-Seqer l-Iswed? Haffef, ghidli!

MARICA Naf mhux hazin.

BLATSAMM *(B’theddid)* Dazgur... inti komplici mieghu!

MARICA Le.. le ..jiena smeplicement...

BLATSAMM Kif taf bis-Seqer l-Iswed?

MARICA Le... semplicement kont qed naqra l-ktieb.

BLATSAMM Xi ktieb hu? Is-Seqer l-Iswed hareg xi ktieb?

MARICA Le... kif se naqbad nispjegalek???

BLATSAMM Hares 'l hawn.... jekk se toqghod gejja bil-misteri se tispicca hazin. Qed nistenniek tghidli x'inti taghmel hawn gew.

MARICA Kollox sew.... nghidlek... imma zgur mintix se temminni....

BLATSAMM Ippruvani. Jekk tghidli l-verita' nemmnek.

MARICA *(bil-heffa)* Jien kont fis-sodda qieghda naqra ktieb jismghu "BLATSAMM u l-Kaz tas-Seqer l-Iswed" u kont wasalt f'nofsu meta l-papa' qalli biex nitfi d-dawl. Bqajt wicci 'l fuq gos-sodda, fid-dlam, nahseb fuq l-istorja, meta f'salt wiehed hassejtni qisni qieghda naqa u sibt ruhi hawnhekk.

BLATSAMM Minix nemmnek!

MARICA Ghidtlek jien li mintx se temminni!

BLATSAMM Insomma, int min int mhux suppost li qieghda hawnhekk. Naf li inti spissjata ghall-ahhar, imma xorta wahda hawn mhux postok.

MARICA Iva, naf li mhux suppst qieghda hawn... imma heqq... waqajt f'dal-post.

BLATSAMM Tajjeb mela fittex erga' aqa' lura!

MARICA Kif? Tista' tghidli kif?

BLATSAMM Hares 'l hawn. Kieku nista’ kont nghinek, immajien ghandi poblemi bizzejjed. Ninsab imsakkar hawn gew u fi zmien tnejn u sebghin siegha, is-Seqer l-Iswed se jisplodi nofs il-pjaneta. Il-probelma tieghek hija biss li tara kif tmur lura d-dar. Jien irrid insalva d-dinja. Qec tifhem?

MARICA Iva.. ga naf.

BLATSAMM X’jigifieri ga taf?

MARICA Ghax ga wasalt f’nofs il-ktieb. Bicca serja hafna.

BLATSAMM Dazgur li serja. Isma’ 'l hawn.. allura x’hemm f’dal-ktieb?

MARICA Heqq, kollox. Anki int.

BLATSAMM Jien qieghed fil-ktieb?

MARICA Iva.... dan kollu huwa ktieb. U ahna t-tnejn qeghdin fih.

BLATSAMM *(hosbien)* It-tnejn qeghdin fi ktieb.

MARICA Hekk hu.

BLATSAMM U allura qeghdin fl-istess ktieb?

MARICA Bhal issa, ta' lanqas, hekk jidher.

BLATSAMM Jien acert li ghandek zball. Mhux biss m'ahniex fl-istess ktieb imma lanqas nahseb li qeghdin fl-istess pjaneta. F'inqas minn tnejn u sebghin siegha ohar l-pjaneta tisplodi, u jien ninsab imsakkar go dal-forn ma' tifla mignuna. Ghalfejn qed nahli l-hin mieghek? Jien lanqas biss inhobbhom it-tfal. Anzi nobghodhom! Warrab min-nofs. Warrab mill-forn tieghi. Mill-pjaneta tieghi. Kif se nohrog minn hawn gew??

MARICA Ara... jien u inti nistghu naslu fi ftehim!

BLATSAMM Eh iva!! Kif?

MARICA Jekk inti tghinni mmur lura d-dar jiena nghinek issolvi l-kaz tieghek.

BLATSAMM U kif se tghinni fil-kaz?

MARICA Ghax id-dar jiena ghandi l-ktieb u jekk nasal lura d-dar inkun nista' naqrah u nkun naf x'se jigri.

BLATSAMM Kif tkun taf?

MARICA Inqabbez il-pagni biex insib it-tmiem.

BLATSAMM Tqabbez il-pagni?!

MARICA Hekk hu!

BLATSAMM Nixtieq kieku l-hajja kienet daqshekk semplici. Kieku ibqa' cert li lkoll nippruvaw inqabbzu l-pagni.

MARICA Imma jiena naf kif.

BLATSAMM Tahseb li jirnexxilek.

MARICA Certa. Halli kollox f'idejja.

BLATSAMM Tahsibx li jiena minix imdorri bil-kotba tafx.... anzi jien ili nkun l-eroj tal-kotba. Ga hargu erbgha u tletin ktieb dwari, imma soltu l-kotba johorgu <u>wara</u> li nkun solvejt il-kaz. Li qed tghid inti huwa bil-maqlub. Donnu xi hadd wasal qabli... xi Alla jew l-IRS. Insomma... nahseb li mhemm xejn hazin billi nippruvaw. Inti tahseb li jekk tmur lura d-dar tkun tista' tikxef l-identita' tas-Seqer l-Iswed?

MARICA Iva.. dazgur.

BLATSAMM Jekk inkun naf min hu zgur jirnexxli nwaqqfu. Imma s-Seqer jahdem bhallikieku kien invizibbli. Hadd ma jaf min hu. Jista' jkun ragel, jew mara, jew kelb.. jew jista' jkun INT. *(ihares cass lejn MARICA)* Le, ma jistax ikun int.

MARICA L-ghaliex?

BLATSAMM Ghax is-Seqer l-Iswed intelligenti!

MARICA Anki jiena intelligennti.

BLATSAMM Li kont intelligent ma kontx tispicca msakkra go forn li jdewweb il-hadid. Ejja naraw jirnexxilniex insibu mod kif nohorgu...

MARICA Allura ftehmna? Jekk nghinek trid tghinni!

BLATSAMM Imbaghad naraw..!

MARICA Ftehemna??

BLATSAMM *(b'noifs qalb) Kollox sew ftehemna. (jiehdu b'idejn xulxin).*

Issa warrab min-nofs ha nipprova nifqa' l-bieb.

MARICA Imma dak il-bieb tal-hadid.

BLATSAMM Anki jiena tal-hadid. Warrab!

***(B'ghajta kbira jigri lejn id-dlam. Hoss ta' hadid u BLATSAMM jidhol lura jzapap u joghrok drieghu)***

Ejja naraw insibux mod iehor kif nohorgu.

***BLATSAMM jibda jdur 'l hawn u 'l hinn. MARICA tibqa' fejn tkun... tahseb.***

MARICA Forn li jdewweb il-hadid.... mela halli nahsbu ftit...

BLATSAMM Int se tghinni jew se toqghod hemm titkellem wahdek?

MARICA Minuta wahda. Tista' taghtini ftit dik il-*lighter* li kellek?

BLATSAMM X'se tipprova taghmel? Tahraq il-post? *(jaghtihielha)*

MARICA *(tixghelha)* Turi tajjeb dil-*lighter*.

BLATSAMM Kont ghandni kif imlejtha bil-gass.

MARICA *(tgholli d-dawl 'l fuq).* Iva... hemm hi!

BLATSAMM Xiex? X'inti tara?

MARICA La darba dan buwa forn, bil-fors irid ikollu cumnija.

BLATSAMM Iva... kont qed nahseb l-istess haga. Ghandek idea kif nistghu nitilghu hemm fuq?

MARICA Jekk tipprova terfaghni forsi illahhaq maghha.

BLATSAMM Affarik... tinsiex li hemm hajtek fin-nofs.

MARICA U jekk naqa' fuqek ikun hemm hajtek ukoll.

BLATSAMM Imma jiena maghmlu mill-azzar. Ejja, mela itla'....

***MARICA titla' fuq dahar BLATSAMM u tixxabbat goc-cumnija.***

BLATSAMM Bil-mod tafx...kemm se taghfas?

MARICA M'ghidtlix li inti ta' l-azzar?

BLATSAMM Insomma.... propjament tal-landa!

MARICA OK! Ilhaqtha! Se nibda nixxabbat.

BLATSAMM Ej... u jiena???

MARICA Tibzax... issa nigi lura ghalik.

BLATSAMM Dik hi kollha. Hallietni hawn. *(Ihares lejn l-arlogg)* Disgha u sittin siegha ohra u lkoll insiru rmied. Hej.... tifla... nista' nkun naf fejn mort?

***Jitfacca habel***

MARICA *(minn fuq)* Tista' tixxabbat?

BLATSAMM Hekk nahseb. Ma tafx li jien ghamilt zmien mal-*comandoes*?

MARICA Ejja, mela x'int tistenna?

BLATSAMM Isma'... dal-habel ma' xiex irbattu?

MARICA Mal-gebel tac-cumnija.

BLATSAMM Sod xejn?

MARICA Insomma...

BLATSAMM *(imbezza')* Insomma...!

***BLATSAMM jixxabbat u wara ftit huwa u MARICA jsibu ruhhom fil-berah.***

BLATSAMM X'dehra hawn minn hawn fuq!

MARICA Tassew.

BLATSAMM Lejla mill-isbah... anzi l-kwiekeb jidhru!

MARICA Wara dak il-forn kollox jidher sabih.

BLATSAMM U thossok tiehu r-ruh b'din l-arja sajfa. Thossok hieles u 'l boghod minn kull ghawg...

***Sparar!***

BLATSAMM Baxxi rasek!

***Jinzlu catti ma' l-art.***

MARICA Issa x'se naghmlu?

BLATSAMM Ibqa' catta ma' l-art u halli f'idejja.

***BLATSAMM jipprova jgholli kemxejn rasu 'l fuq imma jerga' jinstama' aktar sparar u jinzel bil-heffa kif kien.***

BLATSAMM Issa x'se naghmlu?

MARICA X'int tistenna biex tisparalhom?

BLATSAMM Biex?

MARICA M'ghandekx il-pistola .45?

BLATSAMM Le!

MARICA Jew il- .38?

BLATSAMM Lanqas.

MARICA Jew il- .22?

BLATSAMM Haduhomli kollha meta sakkruni fil-forn. Lanqas bicca sikkina m'ghandi. Ara kif naghmlu: nippruvaw nitkaxkru fuq zaqqna sa ma nsibu mezz kif ninzlu minn fuq dal-bejt. Jekk se nibqghu hawnhekk se nispiccaw gharbiel.

***Aktar sparar. Jitkaxkru.***

BLATSAMM Tibzax... jekk niftakar sewwa suppost li dalwaqt insibu t-tarag jew inkella xi ... *skyyyyy liiiiiiight*....

***BLATSAMM jaqa'.***

MARICA X'gara? Fejn inti?

BLATSAMM Hawn isfel.

MARICA Weggajt?

BLATSAMM *(jinbaram bl-ugigh)* Mela nsejt li jien maghmul mit-titanium. Ejja.. aqbez inti wkoll.

MARICA Kollox sew... ara gejja!

***MARICA taqbez.***

BLATSAMM Prosit. Issa ejja nfittxu nohorgu 'l barra minn hawn.

MARICA Minn liema naha?

BLATSAMM Kullimkien jghodd; l-aqwa li nohorgu.

***Malli jaqbdu se jaghtu pass titfacca MONIQUE, tfajla helwa, b'harsa kattiva u bi xkubetta awtomatika f'idha.***

MONIQUE Ah, Monsieur BLATSAMM.... sorpriza tassew sabiha!

MARICA *(minn taht l-ilsien)* Din MONIQUE, l-agenta numru wiehed tas-Seqer l-Iswed. L-aktar wahda kiefra minnhom ilkoll.

MONIQUE *(lil BLATSAMM)* Jien u inti ghandna hafna hwejjeg x'niddiskutu.

BLATSAMM Lilek m'ghandi xejn xi nghidlek, MONIQUE. Warrabli min-nofs ha nghaddi.

MONIQUE Ma nahsibx li inti f'puzizzjoni li tordnali nwarrablek. Mintix se tintroducini mal-habiba ckejkna tieghek?

BLATSAMM Din hija Marija....

MARICA MARICA.

BLATSAMM Din daqsxejn ta' tifla u m'ghandha x'taqsam xejn mieghek. Halliha tghaddi.

MONIQUE Ma nahsibhiex bhalek Monsieur BLATSAMM. Kull habiba tieghek hija wkoll habiba taghna.

BLATSAMM *(minn taht)* Haffef tifla... ahrab.

MARICA U inti?

BLATSAMM Isma' milli ghidtlek. Ahrab.

***MARICA titlaq tigri lejn naha minnhom, imma minnufih jitfacca <u>XIEREF</u> u jahtafha*.**

MONIQUE *Non, non, s'il vous plaît.* Ninsisti li tibqa' maghna.

MARICA *(lil MONIQUE)* Nafek sewwa lilek.... assassina, viljakka u halliela. L-agenta numru wiehed tal-kiefer Seqer l-Iswed.

MONIQUE Insejt issemmi li jiena wkoll imbroljuna, halliela tal-banek u nispecjalizza fit-tortura. Biex inservik... ckejkna Mariella.

MARICA MARICA!

BLATSAMM Halliha tmur, MONIQUE. Bizzejjed ga inti mixlija bi tnejn u erbghin att kriminali. Trid izzid lil din it-tifla mal-lista. Jekk trid taghmel l-arja aghmilha mieghi... mhux ma' tifla. Halliha.

MONIQUE *Hélas, ce n'est pas possible*... is-Seqer l-Iswed jinsab fuq ix-xwiek biex jiltaqa' maghkom it-tnejn.

BLATSAMM Eh iva??

MARICA Kif!!? Se niltaqghu mas-Seqer l-Iswed?

MONIQUE Unur kbir mhux hekk? Pero' hemm biss sfornuna wahda. Peress li s-Seqer l-Iswed jehtieg li jibqa' mistur, allura wara li tiltaqghu mieghu ikollkom bil-fors tmutu. *Je regrette*... imma dawk huma r-regoli. Issa haffu... il-karozza qed tistenniena.

*(lil XIEREF... b'xi lingwi stramba):* Pristo beggini, XIEREF!

XIEREF Beggini pristo.

MONIQUE Ghaddi Monsieur.... tassew se noghxa narak tmut.

BLATSAMM Inti tassew tal-genn, MONIQUE. Fakkarni biex xi darba nizzewgek...!

***MONIQUE tinfexx f'dahkam mqanzha. F'salt wiehed MARICA tizgicca, tirfes sieq XIEREF u waqt li MONIQUE tkun distratta, BLATSAMM itajrilha l-ixkubetta minn idha u johodhiela*.**

MONIQUE *Sacré*. Zommuhom... zommuhom.

BLATSAMM Prosit... m'hawn ghalik Marina.

MARICA MARICA!

***XIEREF jipprova jzommhom. Glieda bejn BLATSAMM u XIEREF. BLATSAMM taqaghlu l-ixkubetta minn idu. XIEREF u BLATSAMM ikomplu l-glieda gol-kwinti.***

***MONIQUE u MARICA jigru ghaliha.***

***MONIQUE tilhaqaha qabel MARICA***.

MONIQUE — *Ah, non, non, non*.... it-tfal zghar m'ghandhom qatt jilaghbu bl-ixkubetti.

***MARICA tigdmilha idha, tohdilha l-ixkubetta u timmiraha lejha.***

MONIQUE — *Ah... mon Dieu.*

MARICA — Ersaq lura ghax nispara.

MONIQUE — *Donnez-le-moi*. Aghtihieli... isa.

MARICA — Jekk jista' jkun jien ma rridx inwegga' lil hadd... imma tersaq lil hawn nispara.

MONIQUE — *(tersaq lejn MARICA bil-lajma).* Fittex aghtihieli.

MARICA — Qed inwissik... ersaq lura.

MONIQUE — *Donnez moi.*

MARICA — Non... ridt nghid "LE"

MONIQUE Jew taghtihieli jew tisparali... m'ghandekx ghazla ohra. U inti taf li mintix se tisparali. Mela newwilha lilhawn.

***Fil-pront jitfacca BLATSAMM li jiehu l-ixkubetta minn id MARICA.***

BLATSAMM Kollox sew. Aghtiha lili. Jekk hemm bzonn nisparalha jiena.

*(lil MONIQUE)* Issa fittex dabbar rasek... taf li jien ma nahsibhiex darbtejn biex nispara.

Mur... u ghid lil sidek is-Seqer li fallejt. Mur.

MONIQUE *(bi hdura)* Kollox sew... u lilek tfajla*(lil MARICA)* minix se nisniek. Tibzax, ghad nergghu niltaqghu u naghmlu l-kontijet. *Je reviens.*

***MONIQUE titlaq.***

BLATSAMM *(lil MONIQUE li ga tkun telqet)* Imma jien minix se nhallik. *(lil MARICA)* Inti kollox sew?

MARICA Hekk nahseb.

BLATSAMM Mela ejja nfittxu nitilqu minn hawn. Fejn tahbat id-dar tieghek?

MARICA Ma nafx.

BLATSAMM Tajba l-bicca! Kif ma tafx?! Ok mela... meeny-meeny-miney-mow.... *(bl-addocc)* Lil hemm!

MARICA Cert?

BLATSAMM Le, cert minix, imma d-dar tieghek nahseb jaqbel tkun fid-direzzjoni opposta ta’ MONIQUE. Imxi warajja.

***Jitilqu 'l barra.***

***Sound F/X u Dwal.***

***Insibu ruhna f’ambjent gdid Kollox jindika li ninsabu fuq Chess Board!***

***BLATSAMM u MARICA jidhlu wara ftit u jharsu skantati madwarhom.***

# 2 - Xena

BLATSAMM Hawn fejn il-mniefah gejna?

MARICA Lili qed tistaqsi? Din hija l-istorja tieghek.. wara kollox!

BLATSAMM Imma dal-post jien qatt ma rajtu qabel. Dan kif sibna ruhna hawn?

MARICA Qisna ghaddejna minn go hajt, imma kienx hajt komuni. Ma dehrlix li rajt hitan.

BLATSAMM X’inti thawwad... ghaddejna minn hajt li ma kienx hemm!!!

MARICA Jien ghidtlek <u>qisu</u> kien hemm hajt.

BLATSAMM M'hawnx ghalik... min jaf kieku inti ssir tifla li <u>qisha</u> qieghda hawn imma mhix? Kieku jiena nkun nista' nkompli bl-istorja tieghi. *(ihares lejnl-arlogg)* Fadlilna biss sebgha u sittin siegha ghat-tmiem tad-dinja u ahna qed nahlu l-hin nghaddu mil-hitan li ma jezistux.

MARICA Mhux tort tieghi.

BLATSAMM Bhal issa kull ma jigri kollu tort tieghek.

MARICA Eh iva? Li ma kontx jien kieku inti ghadek maqful f'dak il-forn.

BLATSAMM B'xi mod kien jirnexxili nahrab zgur. Insejt li jiena maghmul mill-granit?

MARICA U li ma kontx jien MONIQUE zgur kienet tisparalna!

BLATSAMM Dik s'issa qatt ma rnexxielha tirbahli.

MARICA U li kieku ma kontx jien...

BLATSAMM Li kieku ma kontx int ma konniex inkunu qeghdin hawn nippruvaw naqtghu fejn il-marelli qeghdin.

MARICA Insomma... issa ghalxejn noqoghdu nargumentaw.

BLATSAMM Min qed jargumenta?

MARICA Ahna.

BLATSAMM B’daqshekk m’ahniex nargumentaw.

MARICA Iva... qeghdin.

BLATSAMM Le, m’ahniex.

MARICA Uff.. din tassew bla sens. Ma rridx nargumenta.

BLATSAMM Ghadek kemm kont qed tghid li qed targumenta!

MARICA Hares 'l hawn jien nahseb ahjar inkompli sejrin....

BLATSAMM Kif nistghu nkomplu sejrin jekk lanqas biss nafu fejn ahna.

MARICA Mela x’tissuggerixxi.... nibqghu weqfin hawn iccassati?

BLATSAMM Ahjara milli noqoghdu nduru cirku tond... ghax la ma nistghux nimxu f’linja dritta hekk se jigrilna.

MARICA Ta’ lanqas inkunu sejrin x’imkien. Imma jekk nibqghu hawn...

BLATSAMM Qed terga’ targumeta...!

MARICA Ghandek ragun. *(Pawsa)* Min jaf kieku naraw insibux lil xi hadd li nistghu nistaqsuh fejn ahna?

BLATSAMM L-unika persuna li nistghu niltaqghu maghha hija MONIQUE. U ma nahsibx li int jaqbillek. Dik ma tantx hi mara li tinsa malajr u lilek kapaci toqtlok b'sitta w tletin mod differenti... u l-ebda wahda minnhom mhi sabiha.

MARICA Tahseb li se tibqa' ssegwina?

BLATSAMM M'ghandi l-ebda dubju. Niftakar, f' *"Il-Kaz tal-Pirana l-Velenuza*.....

MARICA Mela akatar x'aktar jaqblilna nklomplu mixjin. Ejja tlaqna.

***Jidhol is-SULDAT l-Abjad bil-ghagla. Jintebah bihom.***

BLATSAMM Dan x'jahbat? *(ilesti l-ixkunetta)* Ieqaf fejn int.

SULDAT *(ecitat)* X'inhuwa dmirkom hawn, nobbli sinjuri?

BLATSAMM Mela ma smajtnix x'ghidtlek? Ieqaf hemmhekk.

SULDAT *(bla ma jaghti kasu)*

It-telfa tal-battalja tinsab riesqa.

Lil hemm, sinjuri... l-ehrex tat-taqtigha!

MARICA Battalja?

SULDAT Il-ghala mintomx fil-kaxxi propji taghkom?
Nitlobkom... ibqghu zommu l-post sa l-ahhar!

BLATSAMM Nibqghu fejn?

SULDAT It-telfa tal-battalja tinsab riesqa,
U taqa’ fuqkom comb jekk postna nwarrbu!

BLATSAMM Dan min jahbat? X’inhu jghid?

SULDAT Isqof, Kastell u tliet SULDATi ttiehdu,
Qed nibzghu li r-REGINA fil-periklu,
’Kk tintilef hi, ma jkunx hem tama ghalina.

MARICA Jien ma nistax nifhem x’inhu jghid.

BLATSAMM Nahseb li ahjar nisparalu u nehilsuha.

SULDAT *(F’salt wiehed)* Attenti minn warajkom! *(jimbuttahom go rokna).*

BLATSAMM Inti se tghidilna xi tkun....?

SULDAT Sinjuri hbieb, nitlobkom, isktu... isktu!

***Wara ftit jidhol l-ISQOF L-AHMAR. Dan qed jaqra ktieb, mitluf fi hsibijietu. Jimxi f'linja diagonali u jkanta minn taht l-ilsien. Ma jaghtix kashom u jibqa' sejjer ghan-naha l-ohra.***

SULDAT *(baxx baxx)* Dak huwa l-Isqof l-Ahmar... terrur taghna.

BLATSAMM X'qal?

MARICA u SULDAT Ixxx!

SULDAT Izda l-periklu ghadda zbrixx minn fuqna,

Ghall-grazzja t'Alla xejn ma ntebahx bina.

BLATSAMM Dak min kien? Hawn kulhadd donnu mignun!

SULDAT Dak l-Isqof ahrax, tar-Re l-Ahmar, huwa.

F'din il-battalja qawwi wisq u kiefer

MARICA L-Isqof tar-Re l-Ahmar...

BLATSAMM Jaqaw xi boqqa brodu, dan?

SULDAT Hames hajjiet qatlilna tul il-glieda.

U nahlef hajjiet aktar sejjer jahsad...

BLATSAMM *Seriel killer* jaghmilha ta' Isqof. Din qatt ma smajtha!

SULDAT Izd’ hemm bil-wisq aghar minnu fuq il-wesgha,

Il-KAVALLIER rikkieb inissel biza’,

Hames suldati qatel b’idu l-wahda

U z-ziemel dawru 'l hawn... ghan-naha taghna.

BLATSAMM KAVALLIER?

SULDAT Is-sliem naghtikom hbieb, ma nstax nibqa’,

Ghax ir-REGINA zgur tehtieg l-ghajnuna,

Jekk ma rridux li hija wkoll tintilef!

Il-Mulej maghkom hbieb, komplu fi triqtkom...

Forsi b’miraklu tasal il-vittorja!

***SULDAT jitlaq.***

BLATSAMM Dak tilef ir-roti kollha ta’ mohhu....

MARICA *(tahseb)* Samm...

BLATSAMM Ejja naraw fejn se mmorru ghax qed inhossni se niggennen jien ukoll.

MARICA Samm, nahseb naf fejn qeghdin.

BLATSAMM Anki jien naf.  F’manikomju!

MARICA Le, le, ghandek zball.  Nahseb li nbidlilna l-ktieb...

BLATSAMM Bdilna l-ktieb?  Issa x'ergajt ivvintajt?

MARICA Hmmm.... ma nahsibx li ghadna qeghdin fil-ktieb *BLATSAMM u l-Kaz tas-Seqer l-Iswed*, imma qisna dhalna go xi haga ohra.

BLATSAMM Jien ma nafx x'inti thawwad.  Irridek taghtini biss twegiba wahda u cara: Ghandek idea fejn qeghdin?

MARICA Nahseb li naf.

BLATSAMM Fejn?

MARICA Dhalna go: *Pass Pass Kif Tilghab ic-Cess!*

BLATSAMM *Pass Pass Kif Tilghab ic-Cess!*

MARICA Iva.  Mid-dehra meta poggejt il-ktieb tieghek fuq il-komodina, bla ma naf poggejtu magenb *Pass Pass Kif Tilghab ic-Cess*.  U issa mill-ktieb tieghek ghaddejna ghal go dan.

BLATSAMM Imma dan kif ?

MARICA Ma nafx.

BLATSAMM Mela issa gejna ahjar min qabel. Jiena BLATSAMM, is-super-eroj li suppost irrid nikxef l-identita' tas-Seqer l-Iswed, fadalli biss *(ihares lejn l-arlogg)* sitta u sittin siegha sa ma d-dinja tisplodi, u spicajt hawnhekk go ktieb tac-Cess inhabbat wicci mal-kavallieri u l-isqfijiet homor. Ara x'qed jghidlek , jekk id-dinja tisplodi jkun kollu htija tieghek.

MARICA Skuzani.

BLATSAMM Issa mhemmx x'taghmel. Ahjar ikomplu sejrin forsi naslu x'imkien. Ftakar li xi mkien warajna ghandna lil MONIQUE u quddiemna hemm il-kavallier u l-isqof. Nahseb ahjar bqajna go dak il-forn.

MARICA Taf x'qed nghid. L-isqof ma tax kasna ghax x'aktarx hasibna suldati. Jekk nimxu bhas-suldati tac-cess nahseb li ma jigrilna xejn.

BLATSAMM Din isbah! U kif jimxu das-suldati tac-cess?

MARICA Kaxxa wahda kull darba. Ma kontx taf?

BLATSAMM Kif trdni nkun naf? Jien qatt ma mxejt go kaxxi! Ejja, ibda int l-ewwel, ha naraw.

***Issa nimmaginae li l-plak huwa <u>chess board</u>, imqassam fi 30 kaxxa, hamsa mimdudin (A-E) u sitta 'l isfel (1-6). Fil-bidu MARICA qieghda fuq il-kaxxa B1 u BLATSAMM fuq C1.***

MARICA *(timxi 'l qiddiem ghal B2)* Mela... wiehed..

BLATSAMM *(jimxi 'l qiddiem ghal C2)* Wiehed... hekk se ndumu sejrin ghomor.

MARICA *(lejn B3)* Ibqa' miexi... tnejn.

BLATSAMM Is-SULDATi tac-cess ghandhom hajja twila xejn? *(jimxi f'direzzjoni diagonali lejn D3)* Tnejn!

MARICA Le, le, timxix diagonali. Dejjem dritt. Is-suldati jimxu diagonali meta jkunu se jieklu xi haga.

BLATSAMM Jieklu xi haga? Mela dawn jimxu waqt li jkunu qed jieklu?

MARICA Issa ma nistax noqghod nispjegalek. Inti imxi dejjem dritt.

BLATSAMM Kif tghid inti sinjorina. Kif kien jghid missieri: "Jekk issib ruhek f'manikomju l-ahjar haga hi li taghmilha ta' mignun". Kemm ghad fadlilna kaxxi x'nimxu?

MARICA B'kollox hemm erbgha u sittin wahda...

BLATSAMM Sa dak iz-zmien nilhaq nohrog bil-pensjoni!

MARICA Imma ahna rridu nimxu biss tmien kaxxi. Nahseb li dalwaqt naslu sal....

***Hoss ta' ziemel jizher. Il-KAVALLIER l-Ahmar jitfacca fuq kaxxa A6. Kollox ahmar, riekeb fuq ziemel, wiccu mghotti bil-viziera u xabla kbira f'idu.***

KAVALLIER Xi tkunu intom, li hekk taghlquli triqti?

SULDATi dghajfa u bla l-ebda siwi!

BLATSAMM *(lil MARICA)* Tghid nisparalu?

MARICA Le, iskot. Nahseb li ghalissa mohhna mistrieh.

BLATSAMM Hekk tahseb?

MARICA Minn fejn qieghed ma jista' jaghmlilna xejn. Iz-ziemel tieghu ma jistax jimxi bhalna. Dak jimxi biss tliet kaxxi weqfin u wahda mimduda.

BLATSAMM Int ghadek ma xbajtx tipprova tghaddi z-zmien bija?

MARICA Jew inkella kaxxa wahda wieqfa u tlieta mimdudin. Qed tifhem?

BLATSAMM Sa l-inqas dettal!

KAVALLIER Imisskom timxi intom, nobbli ckejkna!

BLATSAMM Issa x'se naghmlu?

MARICA Jaqbel nahsbuha sewwa u nippruvaw inqarrqu bih.

BLATSAMM Isma' hej... dik ix-xabla li ghandu f'idu xejn ma qed nafdaha. U jiena ghandi xkubetta awtomatika. Se nisparalu!

MARICA Stenn. Jien se nimxi pass 'il quddiem, imma int ibqa' fejn inti.

BLATSAMM Minuta, minuta.. ghax issa donni bdejt nifhem xi haga. Inti ghidt li z-ziemel jimxi tlieta mimduda u wahda dritta. Mela jekk inti imxi wahda 'l quddiem ikun jista' jahtfek.

MARICA Iva.. hekk hu, imma mbaghad tkun tista' tahtaf lilu int. Ghalhekk ghidtlek biex tibqa' fejn int. Il-kavallier mhux se jissogra hajtu ghal daqsxejn ta' sudati bhali. Huwa jiswa wisq aktar minni.

KAVALLIER Imisskom timxu intom... qed jistenna.

MARICA OK.. arani se nimxi. *(Jimxi lejn B4).*

***Il-KAVALLIER jidher konfuz u z-ziemel jizher.***

BLATSAMM Nahseb ghandek ragun. Xejn ma ha gost biha b'dil-mossa.

MARICA Issa jekk jahtaf lili, inti tahtaf lilu u jekk jaghmel il-moss l-ohra nahtfu jien.

BLATSAMM Qed nghid, inti intellienti aktar milli kont nahseb.

MARICA *(lill-KAVALLIER)* Imiss lilek nobbli KAVALLIER!

***Minn warajhom jitfacca l-Isqof l-Ahmar fuq C1.***

BLATSAMM Qo-Qow! Mid-dehra l-Kleru se jibda jiccaqlaq.

Isqof *(lil MARICA u BLATSAMM)* Il-mossa taghkom.

KAVALLIER *(lil MARICA u BLATSAMM)* Il-mossa taghkom.

MARICA Tajjeb, mela jien se nimxi kaxxa ohra. B'hekk inkompli nissikkah.

***MARICA timxi lejn B5. Iz-ziemel jidher aktar ecitat.***

***F'salt wiehed il-KAVALLIER jaqbez minn A6 ghal C5***

BLATSAMM Issa x'inhu jigri?

MARICA Thabbilx rasek. Ahna ninsabu *safe*. Inti attenti ghal dak l-isqof. Jien se nimxi kaxxa ohra.

BLATSAMM Nittama li taf x'inti taghmel!

MARICA Halli f'idejja. Tlaqna. *(minn B5 timxi ghal B6)*

BLATSAMM Isma' hej.... dan l-ghaliex jien bqajt imsammar hawn wahdi, go nofs battalji b'kavallier fuq naha wahda u isqof in-naha l-ohra?

***L-Isqof jimxi minn C1 ghal D2***

MARICA Samm... attent mill-Isqof.

***BLATSAMM idur u jsib l-isqof ma' wiccu.***

BLATSAMM Bongornu Eminenza... jew Sinjura... ma nafx b'dik il-libsa kif suppost nindirizzak. *(lil MARICA)* Hej int...dan l-Isqof donnu lest biex jiekol il-merhla kollha.

MARICA M'ghandekx ghax tinkwieta. Imxi biss kaxxa wahda 'l quddiem.

BLATSAMM Imma hekk se nigi vicin tal-KAVALLIER.

MARICA M'hemmx x'taghmel.

BLATSAMM Insomma.. ta' l-anqas iz-zwiemel vegitarjani. *(Jimxi minn C3 ghal C4)* Ok.. mission accomplished!

***Il-KAVALLIER jimxi minn C5 ghal A4 u jifexx jidhak.***

KAVALLIER Issa jmiss lilek.

MARICA Issa sew! Nahseb li se jikolni. Skuzani Samm.

BLATSAMM Jien xbajt wieqaf hawnhekk. Se jimxi wahda 'l quddiem.

MARICA Le, le Samm, ma jaqbillekx.

***BLATSAMM jimxi minn C4 ghal C5***

BLATSAMM OK Sur KAVALLIER. Issa jmiss lilek.

Isqof Sinjur nahseb ghandek zball. Issa jmiss lili. *(jimxi minn D2 ghal E3)*

KAVALLIER Il-mossa taghkom.

Isqof Il-mossa taghkom.

MARICA Issa tassew qeghdin daharna mal-hajt.

BLATSAMM Daharna mal-hajt xejn. Issa wasal il-waqt li nuza din *(juri l-ixkubetta).* Messni wzajtha qabel u hlisnieha. *(Lill-isqof)* Skuzani eminenza, imma wiccek dejjaqni.

***Jipprova jisparalu imma l-ixkubetta ccekcek fil-vojt.***

BLATSAMM Xi gralha din? Suppost mimlija balal.

***Jerga' jipprova jispara fuq il-KAVALLIER... imma ghalxejn.***

MARICA Samm... dik l-ixkubetta tahdem biss fil-ktieb tieghek. Fid-dinja tieghek. Fic-Cess l-ixkubetti ma jezistux!

BLATSAMM Mela x'se naghmlu?

Isqof Il-mossa taghkom... qed nistennew.

BLATSAMM Le taghkom.

KAVALLIER Le.... il-mossa taghkom.

BLATSAMM Taghkom.

Isqof Taghkom.

KAVALLIER Taghkom.

***Minn C1 tidhol ir-REGINA L-BAJDA***

REGINA *(lill-Isqof)* Nahseb li l-moss tieghi, Eminenza,

U wasal it-tmiem tieghek darba ghal dejjem.

***L-Isqof jaqa' ma' l-art.***

BLATSAMM Wow-wow.. x'daqxejn ta'tfajla dik. Din aktar qalila mill-mara li kelli.

REGINA *(lill-KAVALLIER)*

Il-mossa tieghek nobbli kavvallier,

Imma qis sewwa qabel taghti l-pass,

Dawn is-suldati, minni ghandhom kenn,

Jekk biss tipprova timxi pass lil hawn,

Hazin jahbatlek u bhal dak *(ghall isqof)* tinemm;

Mela jekk nobbli w'ghaqli txtieq tkun

Triq wahda hemm... tirtira dlonk bl-unur.

***Iz-ziemel tal-KAVALLIER jizher u jirtira minn A4 ghal B2.***

***Ir-REGINA timxi minn E3 ghal D4.***

REGINA — Mil-gdid il-mossa tieghek, KAVALLIER.

***Il-KAVALLIER ihares madwaru, jahsibha ftit u jirtira ghal D1 u jidhol 'il gewwa***.

BLATSAMM — Hmmm.. eh... Eccellenza.. jiena u Martina...

MARICA — MARICA!

BLATSAMM — Ninsabu grati hafna lejk. Qatt ma rajt tfajla tal-genn daqsek. Li kieku mhux ghax id-dinja se tisplodi fi zmien *(ihares lejn l-arlogg)* hamsa u sittin siegha ohra, kieku kont nistaqsik jekk tridx...

REGINA — *(lil MARICA)* Taf tghidli, x'inhu jgedwed das-suldat?

Ma nista' nifhem xejn minn kliemu tqil.

MARICA — Qed jizzikhajr tal-kuragg kbir li wrejt,

Ghax bhalek qatt ma dehret fuq wicc l-art!

Nixtiequ biss bil-hegga nistaqsuk,

Jekk tafx turina t-triq lejn l-artijiet

Lil hinn minn din l-battalja; boghod minn hawn

Biex id-dar tieghi forsi nerga' nsib.

REGINA Lil hinn minn dil-battalja xejn ma ssib,

La lejn il-Lvant u lanqas il-punent.

La t-Tramuntana w lanqas Nofs in-Nhar

L-art tal-battalja biss naf nghid fejn hi.

'Il boghod minn hawn il-bahh u it-telfien!

BLATSAMM Issa jiena ma qed nifhem xejn.

MARICA *(lil BLATSAMM)* M'hemmx x'tifhem. Ir-REGINA ma taf xejn aktar hlief il-board tac-cess.

REGINA U issa se nhallikom ghax il-hoss

Tal-glieda jidher qed jehrax bil-kbir,

U mal-fruntiera nahseb hemm l-inkwiet

Jehtiegu l-qawwa tieghi bla dwmien.

Is-sliem sinjuri... kurgg! Kuragg! Kuragg!

***Regna titlaq.***

BLATSAMM Bye.. Bye... Tassew tal-genn, man! Issa x'se naghmlu.

MARICA Mid-dehra telqu jiggieldu lejn naha ohra. Nimxu 'l hawn jew 'l hemm xorta wahda. Inti tahseb li MONIQUE ghadha ssegwina.

BLATSAMM M'ghandix dubju. Nixtieqha tiltaqa' ftti ma' dik ir-REGINA. Tkun glieda interessanti! Imxi.

***BLATSAMM u MARICA Jitilqu.***

***Wara ftit titfacca MONIQUE, bil-viziera tal-KAVALLIER f'idha. Thares ftit lejha b'sodisfazzjon u titlaq lejn in-naha ta' BLATSAMM u MARICA.***

***Dwal jinbidlu u x-xena ssir dik ta' FORESTA***

***Tpespis ta' ghasafar.***

## Xena 3

BLATSAMM Din hija l-kamra tas-sodda tieghek?

MARICA Ma niftakarx li ghandi sigar fil-kamra.

BLATSAMM Donnha foresta.

MARICA Iva... imma tghid liema foresta?

BLATSAMM Stenna ftit... x'kotba ghandek li fihom jissemmew il-foresti?

MARICA Ma nistax niftakar.

BLATSAMM Ipprova gib quddiem ghajnejk il-kotba kollha li ghandek.

MARICA Mela ma tafx li ghandi aktar minn sittin ktieb!

BLATSAMM Prosit... allura trid tghidli li se jkollna noqoghdu nghaddu minnhom kollha waqt li ghat-tmiem tad-dinja fadal biss *(ihares lejn l-arlogg)* erbgha u hamsin siegha. Erbgha u hamsin siegha??? Dan l-arlogg x'inhu jigrilu? Ftit ilu kienu tnejn u sittin!

MARICA Imma fuq il-komodina ma nahsibx ghandi aktar minn sitt jew tmienja.

BLATSAMM Allura mhux difficli tiftakar f'liema wiehed jissemmew il-foresti!

MARICA Int qatt ippruvajt tiftakar x'kotba ghandek fuq l-ixkaffi?

BLATSAMM Jien m'ghandix kotba... u lanqas xkaffi... jekk nigu ghal dan!

***Ftit lil hemm minnhom jitfacca Rumplestiltskin, jizfen ferhan.***

RUMPLE. Se niehu t-tarbija tar-Re u r-REGINA

Ghax l-imhatra rbahtilhom f'qasir zmien;

Hadd mhu se jaqta' x'inhu ismi

Ghax Rumplestitskin jien.

***Jitlaq jizfen 'l gewwa.***

MARICA Mela dik hi kollha!

BLATSAMM Xiex?

MARICA Dhalna fil-ktieb tal- "Hrejjef ta' Grimm".

BLATSAMM Stenna ftit... inti ghidt “Hrejjef”. Fil-plural? Jigifieri hemm aktar minn wahda?

MARICA Kemm trid! *Sleeping Beauty, Cinderella, Snow White, The Frog Prince....*

BLATSAMM Kif.... allura se jkollna nduruhom kollha?

MARICA Nittama li le.

BLATSAMM Issa x’se naghmlu?

MARICA Nimxu. Jekk nibqghu hawn zgur ma nsibuha qatt it-triq lejn il-kamra tieghi.

BLATSAMM Nimxu mela. *(jibdew jimxu)* Imma jien qatt ma naf li mxejt bl-addocc bla ma nkun naf fejn sejjer...

***Waqt li jkunu mexjin.***

...u dil-foresta ma tispicca qatt.

MARICA Il-foresti tal-hrejjef kollha jkunu kbar hafna.

BLATSAMM Jista’ jkunu li ergajna qed iduru cirku tond.

MARICA L-importanti hu li nibqghu nimxu.

BLATSAMM Jidhirli li dik is-sigra ga rajnieha darba ohra.  U ghandu jkun xejritli.

MARICA Ieqaf ftit... qed tara bhali?  Dik t'hemm donnha dwejra... gos-sigar!

BLATSAMM Tajjeb, mela wasalna xi mkien.

MARICA Imxi naraw hemmx xi hadd li jaf jurina t-triq.

***Jimxu lejha***

BLATSAMM Issa inti mur habbat u jiena noqghod ghassa hawn bl-ixkubetta f'idi.

MARICA Samm, l-ixkubetta tieghek lanqas hawn mhi se tahdem.

BLATSAMM Mur...

***MARICA tersaq lejn il-bieb u thabbat.  Isibu miftuh.***

MARICA Il-bieb miftuh.

BLATSAMM *(jersaq lejha)*  Mela nistghu nidhlu. Imma jekk hemm xi platti bil-poridge fuq il-mejda, qis li ma tmisshomx.

MARICA U int toqghod bil-qieghda fuq l-ebda siggu.

***Jidhlu nkiss inkiss.  Jissemmghu.***

BLATSAMM Ma jidher li hawn hadd.

MARICA *(tghajjat)* Skuzi.  Il-bieb miftuh.  Min hawn?

BLATSAMM Forsi n-nani ghadhom ghax-xoghol.  Ahjar immorru naraw nilhqux lil Rumplestilskin forsi jurina t-triq.

MARICA Tghid hawn xi ikel hawn?

BLATSAMM Mela ghalxejn wissejtek.

MARICA Imma jien ghandi l-guh.

BLATSAMM Ghandek mnejn jekk tieklu, tickien f'daqqa jew tikber tas-saqaf.

MARICA Dik f'*Alice in Wonderland* qieghda, u l-ktieb ta' Alice mhux qieghed ma' dawk ta' fuq il-komodina.

BLATSAMM Insomma jiena l-hrejjef ma nafdahomx.  Ma tafx kif habta w sabta ssib ruhek qed tbus xi zring jew tispicccaw maqful go forn iehor.  Jien nghidlek li daqt naraw xi ggant riesaq minn xi mkien.

MARICA Inti stenna ftit hawn.  Jien se mmur nara fejn hi l-kcina.

***F'daqqa wahda tidhol mara xiha minn wara MARICA. It-tifla ma tindunax biha imma BLATSAMM jaraha.***

BLATSAMM *(jipprova jitkellem minn taht l-ilsien)* Hej... Marbella...

MARICA MARICA!

BLATSAMM Warajk...

MARICA Xiex? Ghidtlek se mmur nara fejn hi l-kcina.

BLATSAMM Warajk hemm xi hadd.

***MARICA iddur u tintebah bil-mara.***

MARICA Skuzana... ma konniex nafu li qieghda hawn.

NANNA Tinkwetawx, ersqu, mhux se nkeccikom,

Anzi nghidilkom: "Hbieb, merhba bikom!"

BLATSAMM Grazzi, Sinjura. Nixtiquk biss taghtina xi direzzjonijiet. Ma rridux niskomodawk.

NANNA Ersqu ha tbillu kemxejn grizmejkom;

U anki sserrrhu daqsxejn riglejkom.

BLATSAMM Din l-ghala mhix twegibni. Jaqaw ergajna sibna ruhna f'xi manikomju iehor?

MARICA Issa ftakart... il-hrejjef ta' Grimm kienu kollha miktubin forma ta' poezija.

BLATSAMM Allura b'daqshekk?

MARICA Il-karattri kollha jitkellmu bil-poezija. It-taqbiliet biss jifhmu.

NANNA Ghaddu u striehu f'did-dar kennija

Dalwaqt se tasal in-neputija!

BLATSAMM Jigifieri se jkollna noqoghdu nkellmuha bit-taqbliet?

MARICA Jekk ma naghmlux hekk ma tifhimniex. Ha nara jirnexxilix.

Grazzi Sinjura, kemm int hanina...

Imma, la thabbilx wisq rasek bina.

NANNA Jehtieg li tieklu, tghidulix le,

Ersqu ha ntikom zewg kikkri te!

***BLATSAMM u MARICA jimxu warajha lejn rokna ssikkata.***

MARICA Din x'kamra tahbat? Forsi xi ntrata?

Tassew inhossha wisq issikkata!

NANNA Oh kif sar mohhi!  Kollox kuntraraju!

Le din mhux kamra... dan hu l-armarju!

***Tmexxihom lejn kamra akbar.***

BLATSAMM *(lil MARICA)* Bhal dis-Sinjura zgur ma rajniex...

X'aktarx li mohhha daqsxejn m'ahniex.

MARICA *(lil BLATSAMM)* Lili mhemmx ghalfejn tkellimni bit-taqbiliet...

BLATSAMM *(lil MARICA)* Ok hanini.... hekk hafn' ahjar

Imma qed nahseb illi l-hin sar!

MARICA *(lil BLATSAMM)* Mela wehlitlek?

BLATSAMM Sorry!

NANNA Poggu bil-qieghda, ha mmur fil-kcina

Daqt innewlilkom xi haga bnina!

BLATSAMM Grazzi Sinjura... sarilna l-hin,

Aktar jaqblilna nibqghu sejrin.

NANNA *(bir-rabja)* Ghidtilkom poggu w tirrabjawnix;

Ghax sabra bosta, jiena m'ghandix.

***Titlaq lejn il-kcina*.**

BLATSAMM Qbadt xi tarf f'liema storja ninsabu?

MARICA Ma nahsix li din hija s-sahhara ta' Hanselu Gretel ghax kieku d-dar kienet tkun tal-helu.

BLATSAMM U lanqas mhi omm Rumplestlstkin jew Snow White. Qed niftakar li semmiet xi haga dwar in-neputija.

MARICA Mara xiha. Min fl-istejejr ikollu nanna?

<u>Flimkien</u> Little Red Riding Hood!

BLATSAMM Tahseb li din hija n-nanna li se jikolha l-lupu.

MARICA Hekk tidher. Jekk ma kilhiex diga'!

BLATSAMM Imma jekk ga kielha allura dik hija l-lupu liebes tan-nanna!

MARICA Iva, hekk hu! U ghalhekk id-dar ma tafhiex sewwa u kienet se ddahhalna fl-armarju.

***in-NANNA tigi lura b'gabarre'. Fuqu jkun hemm zewg tazzi luminata, gallettini u teapot u zewg kikkri.***

NANNA Skuzawni hbieb li domt xi ftit,

Dil-kamra 'zda, ma stajtx insib;

Fil-kcina ikel ma baqa' xejn

Hlief dil-ftit luminata ghal tnejn;

W ghalkemm ma tantx qed jidhru fini

Sibtilkom pakkett gallettini!

Ghalija fuq din il-gabarre'

Lestejt bil-heffa teapot te.

BLATSAMM Skuzana jekk qghadna nhabbtuk;

MARICA Imm' issa se jkollna nhalluk!

NANNA Ma tmorru mkien! Nibqaghlkom grata

Jekk tfittxu tiehu dil-luminata.

Issa daqt tigi n-neputija

Bl-inbid u l-kejk appost' ghalija.

BLATSAMM *(lil MARICA)* Tixrobx. Dik zgur fiha l-velenu.

MARICA *(lin- NANNA)* Jien nafha sewwa n-neputija

Little Red Riding Hood, nahseb hija!

NANNA *(b'rabja)* Kif taf min hi? U dan ghalfejn

Gejtu titkixxfu, intom it-tnejn?

BLATSAMM Hmmmm.... Naf lil missierha, kien habib tieghi

Kuljum kien jigi l-iskola mieghi.

***In-NANNA ccaqlaq il-bonnet u jidhru widnejha.***

MARICA Hmm.. ara... rajthom widnejha?!

BLATSAMM Mela sewwa hsibna.

***Tahbita fuq il-bieb.***

NANNA Hawn hija waslet! Oh x'ferh dalghodu!

W intom 'kk titniffsu naghmilkom brodu.

***Tmur tiftah. Waqt li tkun daharha lejhom, MARICA tixhet it-tazzi tal-luminata got-teatpot.***

***Tidhol Little Red Riding Hood***.

NANNA Ghaddi hanini... ftahtlek il-bieb,

Kumbinazzjoni... ghandi dal-hbieb.

R-HOOD Skuzani nanna, li domt ma gejt

Iltqajt ma' lupu... u kwazi nsejt

Li ommi qaltli biex ma nkellmux;

Dan, izda hazen zgur ma kellux.

X'wahda din, nanna... hi dawk widnejk

Daqsiex sarulek!  W anki ghajnejk;

U anki mniehrek... ma nafx kif sar

U snienek... nanna... kemm jidhru kbar?!

MARICA *(lil BLATSAMM)* Hawn ahna.  Issa x'se naghmlu?

NANNA Ghaziz tieghi, ma taf x'inhija?

Dak li qed tara, frott tax-xjuhija!

Poggi bilqieghda... ha l-gabarre'

Lestejt il-kikkri biex niehdu t-te.

***In-NANNA tferra' zewg kikkri te u tressaq wahda minnhom lejn R-HOOD***

BLATSAMM *(lil MARICA)* Prosit... issa inti xhitt il-velenu got-te.

MARICA Illum mid-dehra ma tistax tigina wahda tajba.

***R-HOOD tkun se tixrob, imma MARICA twaqqafha billi tghidilha:***

MARICA Kif kien dal-lupu li mieghu ltqajt?

Allura x'ghamel... gera warajk?

R-HOOD Le, kien gentili. Tassew grazzjuz.

Ma nafx x'jarawlu perikoluz.

NANNA Halluha tixrob u twaqqfuhiex,

Min jaf x'ghatx ghadha.... ittellfuhiex.

***In-NANNA tibda tixrob it-te. R-HOOD ukoll terga' tkun se tixrob, imma BLATSAMM iwaqqafha.***

BLATSAMM Widnejh kif kienu, weqfin u kbar?

Hekk bhal tan-nanna... jew xi ftit aghar?

MARICA U xi snien kellu? Kienu ppruntat?

Qishom stalletti... twal u ttemprati?

BLATSAMM U ghidli naqra, Red Riding Hood,

Iz-ziju tieghek kien Robin Hood?

NANNA *(b'rabja kbira, lil BLATSAMM u MARICA):*

Dan issa izzejjed! Daqshekk stennejt

L-imgiba taghkom wisq staportejt!

Sejra nahtafkom dlonk taht idejja...

***Tqum tixxengel u tberraq ghajnejha***...

X'wahda din.. ajma.. ajma grizmejja....

***Taqa' ma' l-art!***

R-HOOD Xi gralek nanna? Hi x'wahda din!

Ejjew ghenuni. Hassha hazin.

MARICA Dik mhix in-nanna, kif kont tixtieq.

Dak huwa l-lupu li rajt fit-triq...

BLATSAMM Il-lupu forsi, ha dak li haqqu

'Mma n-nanna nahseb... qieghda go zaqqu!

***R-HOOD jinfexx tibki.***

MARICA Issa ahna x'suppost naghmlu?

BLATSAMM L-istorja tghid li lil-lupu qasmulu zaqqu u hargu lin-nanna.

MARICA Nofsha mikula?

BLATSAMM Ma nafx... imma jien zgur minix se naqsamlu zaqqu. Nahseb ahjar nitlqu 'l barra u nhallu lil Little Red Riding Hood tibki bil-kwiet u ahna nkomplu t-triq tal-foresta forsi naslu x'imkien.

***Jitlqu 'l barra.***

MARICA — Tlaqna. Wara kollox il-hrejjef dejjem jispiccaw b'wicc il-gid. U ahna forsi nidhlu fil-ktieb li jmiss.

BLATSAMM — Nittama li m'ghandekx xi dizzjunarju fuq il-komodina... ghax inkella maghmlua taghna!!

MARICA — Minn daqshekk tista' sserrah rasek.

***R-HOOD tittawwal mill-bieb.***

R-HOOD — In-nanna salva... mhemmx bzonn ta' tobba!

Kienet imsakkra fil-gwardarobba.

MARICA — Bye-bye sabiha... kun pronta w lesta,

'Kk issib xi lupu f'nofs ta' foresta!

BLATSAMM — *(lil MARICA)* Jien ma nafx x'fadlilna nsibu fil-foresta.

MARICA — Forsi xi darba nsibu l-kamra tas-sodda tieghi.

BLATSAMM — Fil-foresta?

MARICA — Issa m'ghadni niskanta b'xejn.

***Jitilqu. Wara ftit tidhol MONIQUE bir-ras tal-lupu f'idha.***

MONIQUE Hmmm... daqt nilhaqhom. Dejjem jiskappawli ghal ftit. Imma qed noqrob. U meta nahtafhom taht idejja... Ha ha ha...

***Titlaq fid-direzzjoni taghhom.***

***Effetti ta' dwal u muzika biex ix-xena tinbidel.***

***Xena ta' wied. Fil-boghod jista' jidher l-ghar.***

***Jidhlu BLATSAMM u MARICA***

# Xena 4

BLATSAMM Tghid ninsabu qrib il-kamra tas-sodda tieghek?

MARICA Mela int qatt ma rajt kamra tas-sodda? Minghajr sodda l-ebda kamra tas-sodda ma tista' tissejjah "Kamra tas-sodda".

BLATSAMM OK, OK... point taken. Allura ghandek xi idea fejn nistghu qeghdin? La darba l-kotba li qed nidhlu u nohorgu minhom huma tieghek, inti biss tista' tkun taf.

MARICA Ma qed nara xejn li naf.

BLATSAMM Dan xi ktieb hu?

MARICA Ghidtlek "ma qed nara xejn li naf"... jigifieri m'hawn xejn li jfakkarni f'xi ktieb.

BLATSAMM Ixxx.... iskot... smajt xi hsejjes.

MARICA Anki jien. Donnhom xi passi.

BLATSAMM Ejja nersqu fir-rokna t'hemm ha naraw x'inhu gej.

***JOHN, HELEN, MARTHESE, FRANKIE, PAWLU u SALVINA johorgu minn go l-ghar.***

FRANKIE Il-kelba fejn qieghda?

JOHN Nahseb telqet tigri quddiem. Thabbilx rasek, dik taf issibha t-triq.

MARTHESE Nispera ma toqghodx tinbah ghalxejn.

HELEN X'hin ghandek, JOHN?

JOHN Thabblux raskom, ghandna zmien bizzejjed.

SALVINA Ahna kemm nghidulhom sahha u nergghu lura, mhux hekk?

PAWLU *(jintebah b'BLATSAMM u MARICA)* Oj... dawk min huma?

***Shabu jduru lejn id-direzzjoni ta' BLATSAMM u MARICA***

MARICA Hello... tajniekom qatgha?

JOHN Min intom?

MARICA Jiena MARICA.. u dan... BLATSAMM!

MARTHESE BLATSAMM? Dan x'isem hu?

HELEN *(lil JOHN)* JOHN... qed tosserva xi haga? It-tifla liebsa bhalma nkunu ahna.

JOHN Hekk qed nghid. Skuzi... *(lil BLATSAMM)* jaqaw intom gejtu minn xi mkien 'il boghod?

BLATSAMM Ma nafx... staqsu lil din. Hi taf x'inhi thawwad.

MARICA Jien kont fil-kamra tas-sodda tieghek qed naqra ktieb...

JOHN Imma x'data kienet? X'sena kienet?

MARICA Heqq... is-sena 2001.

HELEN *(lil JOHN)* Qed tara... gew mill-futur. *(lil MARICA)* Ahna gejna mis-sena 1977.

MARICA *(tintebah)* Minuta wahda.... minuta wahda. Intom x'jisimkom?

JOHN Jiena JOHN u din ohti HELEN....

MARICA *(ecitata) ... u* dawk PAWLU... dak FRANKIE... dik SALVINA *(turi lil MARTHESE)*

SALVINA Le, SALVINA jiena. Dik MARTHESE.

BLATSAMM *(lil MARICA)* Mela jisimha bhalek.

MARICA Jien MARICA.

BLATSAMM Jimporta tghidli x'inhu jigri?

MARICA Sibna ruhna fil-ktieb "Meta Jaqa' c-Cpar". Ghamilnieh meta kont Form I. Ftit ilu fettilli ergajt qrajtu.

BLATSAMM Cpar jonqosna biex nigu ottu.

PAWLU Dan kif tafuna?

MARICA Difficli nispejgalkom. Imma naf kollox dwarkom. Anki naf dwar Zolli u Peppa...

FRANKIE Ghandhom se mmorru. Se mmoru nsellmulhom qabel ma nitlqu.

MARICA Stenna ha nara iniex niftakar sewwa. Intom ilkom gimgha shiha go l-ghar tistennew tasal id-data meta jidher ic-cpar blu, hux hekk? Ghax bhal issa ninsabu fis-sena 1798... zmien il-Francizi.

JOHN Imma dan kollu kif tafuh?

MARICA *(tinjorah)* Iva... u ddecidejtu li tmorru ssellmu lix-xjuh.

SALVINA Dik ghidnihielkom ahna.

MARICA Imma harsu 'l hawn: tmorrux, ghax jaqbdukom.

PAWLU X'jigifieri? Min se jaqbadna?

BLATSAMM Isma'... inti jaqaw insejt li ahna qeghdin infittxu l-kamra tas-sodda tieghek?

MARICA Issa hallik mill-kamra tas-sodda tieghi. Dawn jehtiegu l-ghajnuna.

BLATSAMM Tajba din. Hamsin siegha ohra tisplodi d-dinja u inti titkellem fuq min jehtieg l-ghajnuna.

MARICA Isimghuni sewwa. La tmorru ghand ix-xjuh se ssibu lil Peppa qed tmut u Zolli se tibghatkom ghat-tabib.

SALVINA X'inhu? Peppa qed tmut? Mela jehtieg inhaffu.

PAWLU Zolli zgur ghandha bzonn l-ghajnuna.

MARICA Imma se jaqbdukom.

BLATSAMM Nista' nkun naf min se jaqbad lil min?

MARICA Inti qrajtu "Meta Jaqa' c-Cpar"?

BLATSAMM Le!

MARICA Mela suppost tinzel *repeater* fil-Form I.

HELEN *(kalma)* Kollox sew.... jista' jkun li peress li intom gejtu mill-futur, tafu kollox dwarna. Imma hi x'inhi l-bicca, ahna jehtieg li mmorru naghtu l-ghajnuna lil Zolli u lil Peppa.

MARTHESE U ahjar inhaffu.

MARICA Forsi ghandkom ragun. Wara kollox... Risk u Jehuda se jigu jaqbzu ghalikom.

JOHN Tafuhom intom ukoll?

MARICA' Kollox ghad jispicc b'wicc il-gid.

HELEN JOHN.... qed nahlu l-hin.

***Tinstema' l-kelba tinbah***

FRANKIE U l-kelba se taghmel storbju shih.

JOHN Hallejniekom.  Forsi xi darba... f'xi zmien... nergghu niltaqghu.

MARICA It-tfal tal-Form I kollha jiltaqghu maghkom.

Ilkoll Sahha....

***Il-grupp "tac-Cpar" jitilqu.***

BLATSAMM Xi drabi nhossni qisni zejjed hawnhekk.  issa tista' tghidli x'inhu jigri.  X'se naghmlu?  Minn fejn se nghaddu?  Kif se mmorru f'dik l-mbierka kamra tas-sodda tieghek?

***Muzika u duhhan.***

BLATSAMM Issa x'inhu gej.

MARICA Ic-cpar blu!

BLATSAMM Dazgur... daqskemm ilkom issemmuh... ghajjattulu.

MARICA Nahseb li c-cpar se jgorrna lejn il-kamra tieghi....

***Effetti ta' dwal u muzika.  Tinstama' l-vuci ta' MONIQUE.***

MONIQUE *(vuci biss)* Qed narakom!   Qed narakom car avolja goc-cpar. Ha-ha-ha....

## Xena 5

***Ix-xena tinbidel u tigi foresta tat-tfal zghar, kollha lwien jghajtu.***

BLATSAMM *(ihares madwaru)* Dawn ahjar minn dak ic-cpar ta' qabel.... imma nittama li fl-ahhar wasalna.

MARICA Ma jidhirlix li dan huwa xi ktieb minn tieghi.

BLATSAMM Tghidlix li issa se nibdew induru l-kotba tal-girien!!

MARICA Qed nissuspetta li dan xi tkieb ta' ohti Rachel.

***Jidhol BABY-WUBLI jizfen u jkanta***

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli-wuuuu *(jitlaq 'il gewwa)*

MARICA Il-marelli!

BLATSAMM X'gara??

MARICA Sewwa hsibt. Gejna fil-ktieb ta' "Baby Wubli"

BLATSAMM Baby xiex!!!

MARICA — Il-ktieb ta' Rachel. Kienet qed taqrah fil-kamra tieghi u poggietu fuq il-komodina.

BLATSAMM — *(ecitat)* Ma nistax nemmen lil ghajnejja. Jiena... is-super-eroj BLATSAMM li kulhadd jitwerwer minni. Jien li nghatajt zewg medalji ta' qlubija mill-ibliet ta' Los Angles u New York, li s'issa nkitbu erbgha u tletin ktieb dwari u li gew tradotti f'sitta u ghoxrin lingwa, mill-Amerika t'isfel sal-qalba ta' l-Ewropa. Jiena li fl-Argentina maghruf bhala *El Hombre* u fi Franza bhala *L-Homme Incroyable* kelli nispicca fil-ktieb ta' *Baby Wubli.* Kif qatt nista' nibqa' niffacca l-kriminali wara farsa bhal din? Ilkoll se jibdew jiddiehku bija u jghadduni biz-zmien. Farrakli l-karriera. Irredikolajtni.... Marjanna!

MARICA — MARICA!

BLATSAMM — Irvinajtni.

MARICA — Mhux tort tieghi. Lil Rachel dejjem nghidilha biex ma thallix il-kotba taghha fil-kamra tieghi; imma dejjem hekk taghmilli. Ghad m'ghandhiex sens.

BLATSAMM — Kemm-il sena ghandha ohtok?

MARICA — Erba' snin.

BLATSAMM — *(Jikkalma)* Insomma ta' erba' snin lanqas jien ma kelli sens.

MARICA — U lanqas issa m'ghandek.

BLATSAMM Ara, ejja nahsbu ftit bil-kalma. Ghidli ftit... x'jahbtu dawn il-Wublis?

MARICA Ohti ghandha xi ghaxar kotba minn dawn...

BLATSAMM X'inhu?!

MARICA Imma fuq il-komodina tieghi dak ta' "BABY-WUBLI" biss halliet.

BLATSAMM U kemm karattri hemm?

MARICA Hemm il-PAPA-WUBLI, il-MAMA-WUBLI, iz-Ziju Wubli, iz-Zija Wubli, in-NANNA Wubli, in-nannu Wubli...

BLATSAMM OK, OK.... u x'jaghmlu dawn?

MARICA Xejn specjali. Il-kotba taghhom aktar fihom stampi milli kliem. U l-kliem kollu ssillabat... bil-*hyphen*, biex it-tfal iz-zghar ikunu jistghu jispelluh sew.

BLATSAMM Imma dal-Wublis perikoluzi?

MARICA U le x'perikoluzi hu! Dejjem ikantaw, jizfnu u jieklu l-jelly.

BLATSAMM Ma rridx nallarmak... imma l-hin qed jaghfas. Fadlilna biss tlieta u ghoxrin siegha. Ma tantx ghandna zmien nieqfu nieklu l-jelly.

VUCI Ix-xemx kien-net qed tid-di. Kie-net haf-na sha-na.

***Jidhol BABY-WUBLI***

VUCI Xi gmiel... qal Ba-by Wub-li...

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM Aktar ma nitilqu minn hawn malajr, ahjar.

***Jippruvaw jitilqu.***

VUCI Tridx im-mor-ru pik-nik, Pa-pa Wub-li, qal Ba-by Wub-li?

***Jitfacca PAPA-WUBLI***

VUCI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Ah-jar tis-taq-si lil Ma-ma Wu-bli, qal Pa-pa Wub-li.

PAPA-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM Ma nafx ghidtlekx diga li jien nobghod it-tfal....

VUCI Nis-tghu mor-ru pik-nik, Ma-ma Wub-li? staq-sa Ba-by Wub-li.

***Tidhol MAMA-WUBLI quddiem BLATSAMM u MARICA. Issa MARICA u BLATSAMM gew iccirkondati mill-Wublis.***

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM Issa x’se naghmlu?

VUCI I-va, nis-tghu mmor-ru, qa-let, Ma-ma Wub-li.

MAMA-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Yes, Yes, qal Ba-by Wub-li!

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

MARICA Forsi issa jmorru piknik u ma jaghtux kasna.

BLATSAMM Hekk tahseb?

VUCI Nis-ta’ ngib mie-ghi, lill-hbieb tie-ghi? staq-sa Ba-by Wub-li.

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM Qo-qow!!!

VUCI I-va, me-la, le, qal-et Ma-ma Wub-li.

MAMA-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Yes, Yes, qal Ba-by Wub-li!

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Ba-by Wub-li, mar staq-sa lill-hbieb tie-ghu.

***BABY-WUBLI jersaq lejn MARICA***

VUCI Bab-by Wub-li, re-saq jis-taq-si lil Fi-fi

BLATSAMM *(jidhal kemm jiflah b'MARICA)* Fifi... ha-ha-ha...

VUCI Kol-lox sew, Ba-by Wub-li, qal-tlu Fi-fi.

BLATSAMM Nahseb li jistenniek twiegbu.

MARICA *(imbarazzata)* Wubli-wubli-wubli...

VUCI Yes, Yes, qal Ba-by Wub-li!

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Im-baghad, Ba-by Wub-li, staq-sa lill-habib tie-ghu Pi-Pow.

BLATSAMM Lil min?

MARICA *(tidhak)* Lil Pipow! Ha-ha-ha..

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Kol-lox sew, Ba-by Wub-li, qal-lu Pi-pow.

MARICA *(lil BLATSAMM)* Issa jmiss lilek.

BLATSAMM Xiex?

MARICA Qed jistenniek.

BLATSAMM *(imbarazzat)* Wubli-wubli-wubli...

VUCI Yes, Yes, qal Ba-by Wub-li!

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Il-Wub-lis tant fer-hu, li bdew jaq-bzu u jiz-fnu mal-hbieb tagh-hom.

***Il-Wublis jaghmlu u cirku id f'id u jigbdu maghhom lil BLATSAMM u MARICA. Jizfnu u jkantaw.***

WUBLIS		Wubli-wubli-wubli...

Wubli-wubli-wubli...

Wubli-wubli-wubli...

***Jispiccaw jaqghu ma' l-art bhal ta' Dawra-Durella*.**

BLATSAMM		Nasal nghid li nippreferi lil MONIQUE milli lil dawn.

VUCI		Ma-ma Wub-li u Pa-pa Wub-li, fir-xu l-ku-tra ma' l-art

***PAPA-WUBLI u MAMA-WUBLI jifirxu.***

VUCI		Ba-by Wub-li tghidx kemm fe-rah.

BABY-WUBLI		Wubli-wubli-wubli...

VUCI		An-ki Fi-fi u Pi-pow tghidx kemm fer-hu.

MARICA		*(tizfen u taqbez)* Wubli-wubli-wubli...  Ejja Samm.

BLATSAMM		Isma' jien xbajt nitbellah!

MARICA		Imma hekk ikollna naghmlu.

BLATSAMM — Int ghadek tifla u forsi thossok postok f'dal-hmerijiet, imma jiena s-super-eroj b'gismi mimli griehi tal-balal u daqqiet ta' skieken, minix se nkompli f'dil-kummiedji.

***Il-wublis jieqfu cassi jharsu lejhom.***

BLATSAMM — *(lil Wublis)* Qed tisimghu intom? Se jkollkom tibqghu tilaghbuha wahidkom dil-loghba taghkom.

***Il-Wublis jersqu lejhom irrabjati.***

PAPA-WUBLI — Wubli-wubli-wubli...

MAMA-WUBLI — Wubli-wubli-wubli...

BABY-WUBLI — Wubli-wubli-wubli...

MARICA — Nahseb li qed iggeghelhom jirrabjaw.

BLATSAMM — Affarihom.

***PAPA-WUBLI jersaq dritt fuq BLATSAMM***

PAPA-WUBLI — Wubli-wubli-wubli...

MAMA-WUBLI — *(tersaq ukoll)* Wubli-wubli-wubli...

BABY-WUBLI *(jersaq ukoll)* Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM *(alarmat)* Wubli-wubli-wubli...

***Il-Wublis jitbissmu u jkomplu bil-loghba.***

VUCI Kul-hadd pog-ga bil-qie-da. Ma-ma Wub-li fet-het il-bas-ket u har-get tliet va-va-lo-ri.

***Isir kollox kif tghid il-VUCI.***

VUCI Wie-hed ghal Ba-by Wub-li...

***Waqt li MAMA-WUBLI totbothulu m'ghonqu.***

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Wie-hed ghal Fi-fi...

MARICA *(waqt li torbothulha)* Wubli-wubli-wubli...

VUCI U ie-hor ghal Pi-pow

***MAMA-WUBLI jissakka l-vavalor madwar ghonq BLATSAMM li kwazi tifgah***.

BLATSAMM *(fgat)* Wubli-wubli-wubli...

VUCI U is-sa x'tah-sbu li Pa-pa Wub-li, se joh-rog mill-bas-ket.

MARICA Jelly! Dawk dejjem jelly jieklu.

VUCI Le. Er-ga' ppro-va.

BLATSAMM Mela ma smajthiex? Jelly!

VUCI Le. Er-ga' ppro-va.

MARICA Ma tistax tkun haga ohra. Bil-fors jelly ghandhom.

VUCI Le. I-sa. X'inhi dik il-ha-ga li tkun ro-za u tagh-mel wo-ble, wo-ble?

BLATSAMM Il-mara li kelli. Kemm se ndumu nghidulkom? JELLY. JELLY. JELLY.

VUCI Le. Er-ga' ppro-va.

MARICA *(tirrealizza)* Jel-ly!

VUCI Bravi. Jel-ly.

MARICA *(lil BLATSAMM)* Jekk ma nkellmuhomx bis-sillabi ma jifhmuniex.

VUCI Il-Wub-lis tghidx kemm fer-hu bil-jel-ly. Bdew jiz-nu u jkan-taw.

***Il-Wublis iqumu bil-wieqfa u jergghu jaghmlu cirku bhal qabel, flimkien ma' MARICA u BLATSAMM.***

BLATSAMM Hawn ahna... ergajna.

WUBLIS Wubli-wubli-wubli...

Wubli-wubli-wubli...

Wubli-wubli-wubli...

***Jergghu jispiccaw jaqghu ma' l-art.***

VUCI Pa-pa Wub-li beda jqas-sam il-jel-ly. Platt ghal Ba-by Wub-li, platt ghal Fi-fi u platt ghal Pi-pow.

***PAPA-WUBLI jqassam il-platti u l-mgharef.***

BLATSAMM *(ihares lejn l-arlogg)* Dsatax il-siegha ohra biex tispicca d-dinja u ahna bil-qieghda hawn nieklu l-jelly!

VUCI Ma-ma Wub-li qa-let: Tfal, int-om o-qogh-du ku-lu l-jel-ly waqt li jien u Pa-pa Wub-li se mmor-ru pas-sig-ga-ta.

MAMA-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM Dawn x’genituri huma li jhallu lit-tfal wahidhom go nofs foresta jieklu l-jelly?

MARICA Forsi dan huwa c-cans taghna biex niskappaw. Min jaf MONIQUE fejn hi!

BLATSAMM Jekk titfacca hawnhekk bhal issa ibqa’ certa li nsibu ruhna go nofs cimiterju ta’ Wublis!

MARICA Forsi ghadha mitlufa goc-cpar!

BLATSAMM Jekk nafha tajjeb, aktar nahseb li sabet triq ohra.

MARICA Xiex?

BLATSAMM Li ga qieghda qabilna.

MARICA Ejja nqumu qabel ma dawk int-tnejn jigu lura.

VUCI Me-te Pa-pa Wub-li u Ma-ma Wub-li tel-qu, Ba-by Wub-li sar pas-taz haf-na. Qa-bad mghr-fa jel-ly u xe-hi-tha lejn Pi-pow.

BABY-WUBLI *(jaghmel hekk)* Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM *(jimsah il-jelly minn m’ghajnejh)* Ej... dan x’inhu gej?

VUCI Kemm da-hak Ba-by Wub-li. U re-ga’ gha-mi-lha.

BABY-WUBLI *(jerga' jixhitlu l-jelly)* Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM Jekk terga' taghmilha niwwubiljawk darba ghal dejjem!

MARICA Hallih! Imxi niskappaw.

VUCI Bab-by Wub-li re-ga' gha-mi-lha!

BABY-WUBLI *(jixhitlu l-jelly mill-gdid)* Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM Ok melaI Inti stedintha.

***BLATSAMM jaqbad l-imgharfa tieghu u jixhet il-jelly lil BABY-WUBLI.***

BABY-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

BLATSAMM *(jghajbu)* Ha-ha...Wubli-wubli-wubli...

MARICA Hallik mill-hmwerijiet... m'ghandiex hin ghal-loghob.

***BABY-WUBLI jixhet mgharfa jelly lil BLATSAMM, imma dan iwarrab u l-jelly tigi go wicc MARICA. BLATSAMM jifrah.***

BLATSAMM *(lil MARICA)* Ha-ha Wubli-wubli-wubli...

***Tqum glieda shiha bil-jelly bejn BLATSAMM, MARICA u BABY-WUBLI. Tispicca billi BLATSAMM jghaddas il-platt kollu tal-jelly go ras BABY-WUBLI.***

MARICA — Prosit. Haqqu!

***Jidlu PAPA-WUBLI u MAMA-WUBLI,***

VUCI — Me-ta Pa-pa Wub-li u Ma-ma Wub-li gew lu-ra tghidx kemm ir-rabjaw. X' tid-lik sa-bu!

PAPA-WUBLI — *(irrabjat)* Wubli-wubli-wubli...

MAMA-WUBLI — *(irrabjata)* Wubli-wubli-wubli...

VUCI — Kemm kon-tu pas-ta-zi, qal-ti-lhom Ma-ma Wub-li. Is-sa mor-ru d-dar u nagh-ti-kom ban-ju.

BLATSAMM — Daqshekk. M'ghandekx cans li se niehu Banju mal-Wublis.

***BLATSAMM ikun se jitlaq jigri imma l-Wublis iqumu f'salt ghal warajh. Girja mal-palk kollu. Sa fl-ahhar PAPA-WUBLI jahtaf lil MARICA u lil BABY-WUBLI, waqt li MAMA-WUBLI tahtaf lil BLATSAMM.***

BLATSAMM — Din xi tkun? Ghandha jdejha ibsin daqs ta' ors.

MARICA — Samm, gietni idea. Aqbadli idi.

BLATSAMM Xiex?

MARICA Zommli idi.

***BLATSAMM jiehu id MARICA.***

MARICA Issa nqaddu id BABY-WUBLI ma' ta' MAMA-WUBLI *(taghmel li qed tghid)* U nibdew inkantaw. Wubli-wubli-wubli...

***Kulhadd jibda jizfen u jkanta.***

MARICA Samm... issa ejja nghaqqu idejn PAPA-WUBLI ma' ta' MAMA-WUBLI. *(jaghmlu hekk).*

***PAPA-WUBLI, MAMA-WUBLI u BABY-WUBLI jinghaqdu f'cirku wiehed u MARICA tinqala' barra. Waqt li l-Wublis jibqghu jizfnu u jkantaw....***

MARICA Isa... isa haffef Samm, aghtihom idek.

***Wublis izommu sod lil BLATSAMM bejniethom.***

BLATSAMM Ma nistax. Ga ghitdlek li dawn ghandhom idejhom ta' l-azzar. Mur int... issa jien nara kif nigi nilhqek.

MARICA Se tibqa' hawn maghhom?

BLATSAMM M’hemmx xtaghmel! Ftakar li m’ghandniex zmien x’nitilqfu.

MARICA Kollox sew mela. Hallejtek.

***MARICA titlaq.***

MAMA-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Il-Wub-lis in-du-naw li Fi-fi tel-qet gol-fo-res-ta. Fejn mar-ret, staq-sa Ba-by Wub-li.

BABY-WUBLI *(konfuz, jistaqsi)* Wubli-wubli-wubli...

VUCI Qatt mhu se na-raw-ha ak-tar, qal Pa-pa Wu-bli.

PAPA-WUBLI Wubli-wubli-wubli...

VUCI Kull min i-mur fil-fo-res-ta ma ji-gix lu-ra, qal Pa-pa Wu-bli.

WUBLIS *(konfuzi)* Wubli-wubli-wubli... Wubli-wubli-wubli... ecc

***Id-dawl jitbaxxa sa Blackout. Tinbidel ix-xena.***

## Xena 6

MARICA X'gara? Imma din mhix il-*common room* tal-Gryffindors. Din il-kamra tieghi! Lanqas irid nemmen! Wasalt! Wasalt! Issa x'se naghmel? Il-ktieb... il-ktieb dwar BLATSAMM.

***Tigri lejn il-komodina u tqalleb gol-kotba sa ma ssib il-ktieb ta' "BLATSAMM".***

MARICA Hawn hu... mela...

***Titfacca MONIQUE***

MONIQUE Hello, *mademoiselle*... ergajna ltqajna!

MARICA *(tinhasad)* MONIQUE! Dan kif sibtni?

MONIQUE Haga hafifa.... imxejt minn ktieb ghal ktieb bhalma ghamiltu intom. Imma jiena ma qghadtx nahli l-hin, bhalkom. *(determinata)* Il-*lighter?* Fejn hi l-*lighter* li kien tak BLATSAMM? Naf li ghandek qieghda.

MARICA *(tohrogha mill-but)* Hawn hi... x'tambiha?

MONIQUE Prosit, issa aqbad dak il-ktieb u aharqu.

MARICA X'naghmel!?

MONIQUE Aharqu! Hemm bzonn nghidlek darbtejn?

MARICA Jien qatt ma qattajt jew hraqt kotba.

MONIQUE Imma dan se jkollok taharqu.

MARICA Jekk naharqu, kull min hemm go fih imut. BLATSAMM, is-Seqer l-Iswed u anki inti.

MONIQUE Brava... m'hawnx ghalik.

MARICA Tridni noqtol lilek uoll?

MONIQUE Hekk hu! Li kieku qrajt il-ktieb sa l-ahhar, kont issib li jiena xorta wahda se mmut. Imma did-darba mieghi se jkollu jmut ukoll BLATSAMM.

MARICA *(b'certezza)* M'inix se naharqu.

MONIQUE Jekk se tibqa' tikkuntlarjani se mmur insib lil ohtok Rachel.. rieqda fil-kamra l-ohra... u malajr tara x'kapaci naghmlilha.

MARICA *(issabbat il-ktieb u l-lighter fuq is-sodda)* Kollox sew. Imma minix se naharqu <u>jien.</u> Aharqu inti jekk trid.

MONIQUE Le... int trid taharqu.

MARICA Inti!

MONIQUE Inti!

MARICA L-ghaliex... mela m'ghandekx idejn? *(tintebah)* Stenna ftit. Dazgur li trid lili naharqu; ghax inti ma tista' taghmel xejn hawnhekk...

MONIQUE Aharqu!

MARICA Id-dinja tieghek hija d-dinja tal-kotba, ghax int biss karattru fi ktieb. Fid-dinja reali, int m'ghandek setgha ta' xejn. Lanqas biss tista' taqbad il-*lighter* u l-ktieb b'idejk. Hux tassew?

MONIQUE *(twerzaq irrabjata)* MARICA!

MARICA Is-setgha kollha tieghek hawnhekk ma tghodd xejn. Spiccat u ma tista' taghmel l-ebda hsara; la lil Rachel, la lili u lanqas lil hadd. Inti spiccajt, ghaziza MONIQUE. Spiccajt! Sahha... sparixxi.

MONIQUE *(Waqt li tibda tirtira)* Vili! Vili!

***MONIQUE titlaq. Muzika u effetti.***

MARICA *(tigri tahtaf il-ktieb)* Issa... it-tmiem ta' l-istorja... fejn hi.... *(tqallbu bil-ghagla).* Hawn... mela *(tgedwed waqt li qed taqra)* Dazgur.. dazgur... imma kif ma gietx go mohhi qabel! Prosit. Mela dik hi kollha! Issa rrid nerga' mmur lura nsalva lil BLATSAMM. Fejn hu l-ktieb tal-Wublis? Hawn! Nittama li jirnexxili nerga' nidhol lura fl-istorja. Mela.... Nahseb li x'imkien hawn:

***Taqra bil-ghagla waqt li timtedd fuq is-sodda biex tipprova tohloq atmosfera****.*

"Il-Wu-lis indunaw li Fifi telqet gol-foresta. Fejn marret, staqsa Baby Wubli. Wubli-wubli-wubli! Qatt mhu se narawha ak-ar, qal Papa Wubli. Kull min imur fil-foresta ma jigix lura, qal Papa Wubli.

***Lura lejn ix-xena tal-foresta.***

***BLATSAMM minxur biex jinfex.***

***Tidhol MARICA.***

## Xena 7

MARICA *(lil BLATSAMM)* Hemm x'int taghmel?

BLATSAMM Qed ninxef!

MARICA Tinxef? Mela x'gara? Fejn huma l-Wublis?

BLATSAMM X'tahseb li gara?! Tawni banju! U tawni nilghab bil-Pa-pra Wu-bli wkoll. U lanqas taqta'.... ixxuttawni f'xugaman tal-Wublis.

MARICA *(tmissu)* Imma tidher li ga nxift.

BLATSAMM Ta' lanqas, l- "Ilma-Wubli" mid-dehra ma tantx ixarrab! Inti x'ghamilt? Sibtha l-kamra tieghek?

MARICA Dazgur!

BLATSAMM U s-Seqer l-Iswed? Sibt xi haga dwaru?

MARICA — Iva... imma l-ewwel li sibt kienet MONIQUE. Sibtha fil-kamra tieghi, tistennieni.

BLATSAMM — MONIQUE?!

MARICA — U riditni nahraq il-ktieb tieghek biex toqtlok.

BLATSAMM — Kont naghmilha aktar mohhha jilhqilha minn hekk. Biex toqtol lili trid teqred il-kopja kollha ta' l-erbgha u tletin ktieb li nkitbu dwari, imferrxa madwar id-dinja kollha u tradotti f'sitta u ghoxrin lingwa. Ghalhekk kont ghidtlek li jiena immortali. Hadd ma jista' ghalija. Il-ktieb jibqa' jdur u jdur go mohhok u jsir parti minnek. Tmur fejn tmur ikun mieghek. Imma issa hallina minn dan. Irnexxielek issib min hu s-Seqer l-Iswed?

MARICA — Iva rnexxieli!

BLATSAMM — Allura x'inti tistenna? Fittex ghidli.

MARICA — Ghadek ma ndunajtx? Is-Seqer l-Iswed mhu hadd hlief MONIQUE stess.

BLATSAMM — X'inhu?

MARICA — Meta toqghod tqis, tirrealizza minnufih li bil-fors MONIQUE hija s-Seqer. Hija l-unika wahda qrib tieghu. Dejjem hija twettaq l-ordinijiet li jaghtiha. Hija l-unika persuna li qatt ratu jew kellmitu.

BLATSAMM — Dazgur, dazgur... bil-fors MONIQUE kellha tkun. Jien kont ili li bdejt nissuspetta. Mela issa li ghandi d-dettalji kollha se jkolli nhallik

ghax irrid inqieghed kollox f'postu. *(ihares lejn l-arlogg).* Biex tispicca d-dinja fadalli biss .... oj... dan mhux jahdem.... xi gralu?

MARICA Nahseb ixxarrablek bl-ilma tal-Wublis u waqaf!

BLATSAMM Hekk hu... haqq ix-xjafek. Se jkolli nhaffef. Inti nahseb li issa taf issibha lura t-triq, mhux hekk?

MARICA Hekk nahseb.

BLATSAMM Hallejtek mela. *(ikun sejjer imma jerga' jdur lura)* Hmmm .... u... hadt gost li ltqajt mieghek.

MARICA Tant iehor.

BLATSAMM Ibqa' aqra l-kotba tieghi. B'hekk biss izzommni haj. Sahha.

MARICA Sahha Samm.

***Ix-xena tinbidel u ssib ruhha f'kamritha.***

# Xena 8

VUCI MARICA, ergajt qed naralek id-dawl!

MARICA Xghelt ghal mument biss.

VUCI Mela fittext erga' itfih. Ma nergax nghidlek. Dal-qari qabel torqod xejn ma jaghmillek gid. Jista' jgiblek hafna holm stramb. Dak li jaghmillek. Ma nahsibx li tiehu gost bil-holm stramb, eh?

MARICA Le, Pa.. ma tarax! *(titfi d-dawl u minn taht l-ilsien tghid:)*

Il-lejl it-tajjeb Samm. Narak ghada!

========================= ***T M I E M*** =======================